MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 24/2005

**Il-Pulizija**
**(Supt. Pio Pisani)**

**Vs**
David Camilleri

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :**

**1) bejn il-15 ta' Gunju, 2002 u l-15 ta' Gunju 2003, naqas li jaghti lil martu Margaret Camilleri s-somma ffissata bhala manteniment ghaliha u ghal minuri**

**uliedhom u dan bi ksur tal-kuntratt tas-separazzjoni pubblikat fil-25 ta' Mejju 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Carbonaro;**
**2) nhar il-15 ta' Lulju, 2003 naqas li jaghti lil martu Margaret Camilleri s-somma ta' tlett mija w hamsin lira bhala manteniment ghaliha u ghal minuri uliedhom u dan bi ksur tal-kuntratt tas-separazzjoni pubblikat fil-25 ta' Mejju 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Carbonaro.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Jannar, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Frar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija jew piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe' :- li l-azzjoni hija preskritta w dan ghaliex l-ahhar dati li l-appellant huwa akkuzat li kiser l-obbligi tieghu kuntrattwali ai termini tal-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali huma fil-kaz tal-ewwel imputazzjoni, il-15 ta' Gunju, 2003 u fil-kaz tat-tieni imputazzjoni , il-15 ta' Lulju, 2003; u dan apparti aggravji ohra.**

**Illi din il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi biex tiddelibera dwar din il-pregudizzjali qabel ma tghaddi biex tikkonsidra l-aggravji l-ohra billi, jekk din l-eccezzjoni hija gustifikata, l-akkuza tigi dikjarata estinta.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar l-istess eccezzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-premessa tac-citazzjoni hija li l-appellant kien marbut li jivversa manteniment lill-martu ghaliha u ghall-uliedu, dak iz-zmien minuri, in forza ta' kuntratt**

**ta’ separazzjoni bonarja tal-25 ta’ Mejju, 1990, li kopja awtentikata tieghu tinsab esebita fl-atti (fols. 3 sa 10 tal-process). Illi in forza tal-klawsola 3 tal-istess kuntratt l-appellant kien obbliga ruhu li jhallas *“lill-mara bhala manteniment ghaliha u z-zewg uliedu s-somma ta’ tlett mija w hamsin lira Maltija (LM350) kull xahar bil-quddiem fid-dar tar-residenza taghha permezz ta’ Standing Order mall-Bank.”***

**Illi dan ifisser li l-obbligu tieghu kien jiskatta fl-ewwel jum ta’ kull xahar .**

**Issa s-subinciz (z) tal-artikolu 338 tal-Kap.9 , kif emendat, jiddisponi li :-**

***“Huwa hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min –***
***“meta…..hekk marbut b’ kuntratt jonqos li jaghti lil martu….. , is-somma …..stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha…u jew ghall-ulied , <u>fi zmien hmistax il-jum</u> minn dak il-jum li fih skond …dak il-kuntratt , ikollha thallas dik is-somma.”***

**Ghalhekk din il-kontravvenzjoni, fil-kaz tal-appellant, kienet tiskatta appena jigi il-hmistax il-jum ta’ kull xahar u hu jkun naqas li jhallas is-somma stipulata lil martu sa dak in-nhar. Dan hu reat ta’ natura istantanja w jigi kunsmat mall-iskadenza msemmija.**

**Issa fil-kaz in ezami l-imputazzjonijiet jirriferu ghall-allegata inadempjenza tal-appellant ghax-xhur ta’ Gunju 2002 sa Gunju 2003 fil-kaz tal-ewwel imputazzjoni u ghax-xahar ta’ Lulju , 2003, fil-kaz tat-tieni imputazzjoni li kienu jiskadu fl-ewwel ta’ kull wiehed mix-xhur rispettivi u li dwarhom kien jiskatta r-reat istantanju ta’ natura kontravvenzjonali fil-15 ta’ kull xahar.**

**Issa mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta li ghalkemm l-avukat tal-parti leza kien kiteb lill-Ispettur tal-Ghassa tal-Mosta fil-5 t’ Awwissu, 2003 u proprju talbu jagixxi kriminalmnt kontra l-appellant ghar-reat**

**kontinwat tal-allegat nuqqas ta’ hlas tal-manteniment stipulat, ghax-xhur imsemmija, l-Pulizija harget ic-citazzjoni jew komparixxi biss fit-13 t’ Ottubru, 2002, u cioe’ meta l-allegat reat kontinwat ghan-nuqqas ghax-xhur kollha bejn Gunju, 2002 u Gunju 2003 kopert bl-ewwel imputazzjoni kien issa diga’ gie preskritt bil-prezkrizzjoni trimestrali kontemplata ghall-kontravvenzjonijiet skond l-artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali. Di fatti skond l-artikolu 691 (1) ghar-reati kontinwati iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda jghaddi mill-jum li fih isir l-**ahhar **ksur tal-ligi, u cioe’ f’ dan il-kaz fil-15 ta’ Gunju, 2003.**

**Illi jidher li gara ukoll li minkejja li l-kawza kienet giet appuntata ghas-smiegh ghat-28 t’ Ottubru, 2002, (fols. 1 u 11) l-appellant dak in-nhar ma deherx. Il-kawza ghalhekk giet differita ghat-13 ta’ Novembru, 2002** *ghan-notifika* **tal-imputat . Dan juri li sa dak inhar hu kien ghadu ma giex notifikat. Fit-13 ta’ Novembru, 2002 l-appellant ma deherx minkejja li giet prodotta riferta pozittiva tieghu (Fol. 13) li turi li hu kien gie notifikat fl-4 ta’ Novembru, 2002.**

Illi ma giet prodotta ebda riferta pozittiva li turi li l-appellant kien gie notifikat bil-komparixxi qabel din l-ahhar data w ghalhekk din il-Qorti ghandha biss prova li l-appellant gie notifikat l-ewwel darba fl-4 ta’ Novembru, 2002, li hu oltre iz-zmien ta’ tlitt xhur anki fil-kaz tal-kontravvenzjoni koperta bit-tieni imputazzjoni w cioe’ dik li allegatament giet kommessa w kunsmata fil-15 ta’ Lulju, 2002.

**Illi skond l-artikolu 693 iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b’ kull att tal-procediment li jigi** nnotifikat **lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat. Ghalhekk la darba l-appellant ma jirrizultax li gie notifikat qabel l-4 ta’ Novembru, 2002, l-azzjoni hija ovvjament preskritta fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.**

**Illi anki jekk quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant ma eccepiex il-preskrizzjoni trimestrali kif kien intitolat li jaghmel , hu ghandu dritt li jqajjimha f’ dan l-istadju**

**tal-appell . Di fatti il-preskrizzjoni hija sahansitra applikata mill-Qorti "*ex officio*" u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha. (art. 694 tal-Kap.9)**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tiddikjara l-azzjoni estinta minnhabba l-preskrizzjoni trimestrali u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------